MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1136/1994/1

**Anthony Chircop u Lino Chircop bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza ta' *LTP Enterprises Limited***

**Vs**

**John Zammit ghan-nom u in rappresentanza ta' *Graja & Caorsi (Malta) Limited* kif ukoll f'isem u ghan-nom u in rappresentanza ta' *Graja & Caorsi (Malta) Limited* bhala agenti tas-socjeta' estera *Ziegler Nederlands BV* u b'digriet ta;-4 ta' Novembru 1996 giet imdahhla fil-kawza s-socjeta' *Valletta Freight Services Ltd*. minflok Joseph Zammit nomine; u b'digriet tas-6 ta' Gunju, 2001 gew nominati bhala kuraturi Dr Leslie Cuschieri LL.D. u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar sabiex jirraprezentaw lis-socjeta' estera *Ziegler Nederlands BV***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni ppresentat mis-socjeta' attrici fid-9 ta' Awissu, 1994, li fiha wara li ppremettew illi socjeta' attrici ordnat minn *SIC Societe Industrielle de*

*Contrecollage* ta’ Franza, 4 *Pallets Gypsum Boards* u giet informata mill-istess SIC li tista’ tigbor il-*pallets* mill-24 ta’ Frar, 1994 sal 25 ta’ Marzu, 1994;

Ipremettew illi socjeta' attrici ghalhekk inkarigat lis-socjeta' konvenuta biex tigbor din il-merkanzija minn Franza;

Ipremettew li minflok ma gabret il-merkanzija in kwistjoni s-socjeta' konvenuta, b’mod negligenti u ttaskurat, gabret 4 *pallets STC Joker THD 7CM – (bill of loading Dok. A*) u dan minkejja l-fatt li kif jirrizulta minn Dok. B hawn anness s-socjeta' konvenuta giet debitament informata li kellha tigbor il-merkanzija minn SIC;

Ipremettew li minhabba dan l-izball tas-socjeta' konvenuta, s-socjeta' attrici kellha thallas LM904.25c fi “*duty u freight*”;

Ipremettew illi ghalkemm debitament interpellata sabiex tirrifondi dan l-ammont s-socjeta' konvenuta ma hallset xejn;

Talab ghalhekk il-konvenut nomine ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara li s-socjeta' konvenuta jew min minnhom kienu negligenti meta gabbru l-merkanzija mhux ordnata mis-socjeta' attrici u b’dan il-mod ikkagunaw danni lis-socjeta' attrici;

2. tikkundanna s-socjeta' konvenuta jew min minnhom biex ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta’ disa’ mija u erba’ liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (LM904.25) ammont dovut billi l-attur nomine ihallas dan kif fuq spjegat;

B’riserva ghall-proceduri ulterjuri ghad-danni ulterjuri.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Gunju, 1994 u bl-mghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Zammit nomine li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-izball li wassal ghall-eventi lamentati gie kommess mill-fornitur tal-attur u cioe' is-socjeta estera Franciza *SIC Societe Industrielle de Contrecollage*;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat id-dikjarazzjonijiet mahlufa mill-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' Novembru, 1996, li in forza taghha din il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-okkju tal kawza biex iddahlet fil-kawza d-ditta *Valletta Freight Services Limited*;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-socjeta' *Valleta Freight Services Limited* li biha eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, in-nullita' tan-notifika tac-citazzjoni, stante li l-intestatura fuq ic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni hija "fil-Qorti tal-Kummerc", Qorti li m'ghadhiex tezisti, la fid-data tan-notifika u lanqas fid-data tad-Digriet li bih giet ordnata il-kjamata in kawza.

2. Illi ukoll in linea preliminari, l-istitut tal-kjamata in kawza mhux mahsub biex jisostitwixxi konvenut b'iehor, imma biex idahhal parti ohra fil-kawza oltre l-attur u l-konvenut. F'dan il-kaz jidher li s-socjeta' eccipjenti giet kjamata in kawza "minflok" John Zammit nomine. Il-procedura ritwali kellha tkun dik tal-legittimazzjoni tal-atti jew tat-trasfuzjoni tal-gudizzju u mhux dik tal-kjamata in kawza, ghalhekk anki hawn il-proceduri huma irritwali u nulli fil-konfront taghhom;

3. Illi subordinatament u fil-mertu, l-azzjoni in kwantu tista' tkun diretta kontra s-socjeta' eccipjenti, hija preskritta bil-passagg ta' aktar minn sentejn mill-event dannuz allegat.

4. Illi subordinatament is-socjeta' kjamata in kawza, meta gara l-event dannuz, ma kienetx l-agenti tas-socjeta' estera *Ziegler Nederlands BV* u bdiet tagixxi biss bhala tali f'Settembru, 1995, u ghalhekk ma kellha x'taqsam assolutament xejn ma' l-akkadut;

5. Illi ghalhekk is-socjeta' eccipjenti qatt ma tista' tkun responsabli ghad-danni reklamati;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri premessi skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Novembru, 1999, fejn id-difensur tas-socjeta' *Valletta Freight Services Limited* iddikjarat illi ma kienetx qed tinsisti aktar fuq l-ewwel ecezzjoni taghha;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Gunju, 2001, li in forza tieghu l-Avukat Dottor Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar gew mahtura kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta' estera *Ziegler Nederlands BV* fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti kollha sussegwenti;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Dottor Leslie Cuschieri u tal-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li biha eccepew:

1. Illi b'digriet tas-6 ta' Gunju, 2001 huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapresentaw lis-socjeta' estera Ziegler Nederlands BV;

2. Illi huma m'ghandhomx mezz kif jikkomunikaw ma' din is-socjeta' minnhom rappresentata u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern;

3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat li din il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Ili f’din il-kawza, is-socjeta' attrici kienet ordnat merkanzija minghand ditta franciza u nkarigat lis-socjeta’ estera *Ziegler Nederlands BV*, tramite l-agenti lokali taghha, *Graja & Caorsi (Malta) Limited*, sabiex iggib din il-merkanzija hawn Malta. Il-merkanija kellha tigi hawn Malta *overland* bi *trailer*. Jidher li meta d-ditta estera baghtet trailer biex tigbor l-merkanzija, din hadet konsenja ta’ merkanzija differenti minn dik li ordnat id-ditta attrici. Fil-fatt, meta il-merkanzija migbura waslet hawn Malta, id-ditta attrici halset id-dazju biex din il-merkanzija tkun tista’ tigi rilaxxata mid-Dwana u hija ndunat li dik mhux il-merkanzija li kienet ordnat, meta l-haddiema taghha kienu qed ihottu l-container fl-istores taghha. Eventwalment, il-merkanzija ordnata waslet hawn Malta u d-ditta attrici kellha terga thallas id-dazju biex titlob ir-rilaxx ta’ din it-tieni konsenja. Is-socjeta attrici qed titlob li tigi rifuza s-somma li l-ewwel darba, halset bhala dazju u *freight* biex ingarret u inharget mid-Dwana lokali merkanzija li huma qatt ma ordnaw. Is-somma reklamata hija ta’ LM904.25.

Din il-kawza infethet kontra s-socjeta *Graja & Caorsi (Malta) Limited* f’isimha propria u kontra l-istess socjeta’ bhala agenti tas-socjeta’ estera *Ziegler Nederlands BV*. Is-socjeta attrici allegat li l-izball li bih, l-ewwel darba, giet mibghuta merkanzija hazina, kien ta’ dawn is-socjetajiet jew wiehed minnhom.

Illi fil-kors tal-kawza, irrizulta li s-socjeta’ *Graja & Caorsi (Malta)* Limited ma baqghetx agenti tas-socjeta estera *Ziegler Nederlands BV*, u s-socjeta' attrici resqet rikors fejn talbet li, minhabba din ic-cirkustanza, l-okkju tal-kawza jigi “emendat” biex juri li s-socjeta’ *Valletta Freight Services Limited* saret l-agenti lokali tas-socjeta’ estera.

Ghalkemm dan ir-Rikors u d-Digriet relattiv jidhru ftit strambi, jidher li l-hsieb wara t-talba ma kienx li tigi kjamata fil-kawza s-socjeta’ *Valletta Freight Services Limied*, izda li din is-socjeta’ tidhol fil-kawza minflok is-socjeta’ *Graja & Caorsi (Malta) Limited*. Meta fir-rikors taghha tal-25 ta’ Ottubru, 1996, is-socjeta' attrici talbet “emenda” fl-okkju, u mhux zieda jew kjamat fil-kawza, jidher car li hi riedet tissostitwixxi konvenut b’iehor, u meta din it-talba giet milqugha minn din il-Qorti diversament presjeduta (talba li din il-Qorti, kif issa presjeduta, ma taqbilx maghha), li effettivament gara kien li s-socjeta’ *Graja & Caorsi (Malta) Limited* harget mill-kawza u dahlet minflokha s-socjeta’ *Valletta Freight Services Limited*.

Din l-ahhar indikata socjeta’ jidher li ghall-ewwel, iddahlet fil-kawza f’isimha proprju u in rappresentanza tas-socjeta’ estera’ *Ziegler Nederlands BV*, izda din l-ahhar kwalita’ taghha donnu li gie rinunzjat mis-socjeta' attrici meta din talbet u ottjeniet il-hatra ta’ kuraturi deputati biex jirrapresentaw lis-socjeta’ estera f’din il-kawza. B’hekk, fl-ahhar ipotesi, *Valletta Freight Services Limited* baqghet f’din il-kawza f’isimha proprju, u s-socjeta’ estera baqghet fil-kawza rappresentata mil-kuraturi deputeti.

Fid-dawl ta’ dan, din il-Qorti ma tafx x’interess is-socjeta’ *Valletta Freight Services Limited* jista’ jkollha f’din il-kawza. Mhux biss din is-socjeta’ saret agenti tas-socjeta’ estera wara li sehh l-incident in kwistjoni (l-incident sehh fil-bidu tal-1994, waqt li din is-socjeta assumiet ir-rappresentanza tas-socjeta’ estera f’Settembru tal-1995), izda hi personalment ma kellhiex x’taqsam man-negozju in kwistjoni.

Fi kliem iehor, anke jekk is-socjeta’ *Valletta Freight Services Limited* baqghet fil-kawza in rappresentanza tas-socjeta’ estera, kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Formosa & Camilleri Ltd vs Valletta Freight Services Ltd”, decisa fil-15 ta’ Dicembru, 1998, u li jista’ jghodd ukoll ghal din il-kawza, “fiz-zmien li waslet il-merkanzija *de quo* Malta, is-socjeta' konvenuta ma kienetx l-agent tas-socjeta’ estera….. Il-Mandat, ghalhekk, f’dak iz-zmien ma kienx moghti lilha; salv, ghalhekk, il-prova kuntrarja (li ma

saritx), ma setghetx tkun konvenut fl-isem tal-Mandant" (ara wkoll "Ellul noe vs Tabone et noe" decisa wkoll minn din il-Qorti fit-22 ta' Frar, 1999).

Mill-premess, ghalhekk, ghandu jirrizulta li s-socjeta' *Valletta Freight Services Limited* ghandha tigi wkoll liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Din il-Qorti, f'dan l-istadju, trid tirrimarka li r-responsabilita' ta' agent lokali ghal xi nuqqas fl-esekuzzjoni ta' kuntratt ma tispiccax hekk kif l-agent lokali jitnehhielu l-agenzija. Jekk meta jsehh xi incident jew nuqqas, ditta estera tkun rappresentata hawn Malta minn agent lokali, u dik id-ditta estera tkun responsabli ghal dak l-incident jew nuqqas, dak l-agent lokali jibqa' responsabbli ghall-konsegwenzi, u ma jistax jghid li mhux responsabbli izjed ghax, sussegwentement, itehdietlu l-agenzija! Tkun facli ghall-agent lokali li, l-ewwel, jagixxi f'isem persuna estera biex iwassal negozju hawn Malta, u, wara, kif se jinqala l'gwaj, jcedi l-agenzija u, b'hekk, jallega li mhux responsabbli aktar ghal dak li sehh meta hu kien agent! Ghalhekk, agent lokali li jkun ha hsieb u ppresta s-servizzi tieghu biex sehh negozju hawn Malta, jibqa' responsabbli ghall-konsegwenzi kollha naxxenti minn dak in-negozju, indipendentement minnu jibqax jew le agent wara t-terminazzjoni ta' dak in-negozju (ara "Demajo vs Mifsud noe" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' April, 1980). F'dan il-kaz, allura, ir-responsabilita' tas-socjeta' *Graja & Caorsi (Malta) Limited* ghal xi nuqqas fit-trasport in kwistjoni, f'kaz li jirrizulta xi nuqqas da parti tal-mandanti taghha, ma spiccatx sempliciment ghax l-agenzija giet sussegwentement imnehhija; hi kienet l-agent meta sehh l-allegat zball, u kwindi, jekk jirrizulta tort tal-mandanti taghha, tkun u tibqa' responsabbli ghall-konsegwenzi. Kienet ghalhekk, ftit kurjuza l-"emenda" li talbet is-socjeta' attrici fl-okkju tal-kawza fil-kors tas-smigh tal-kawza.

Il-Qorti issa se tghaddi biex tezamina r-responsabilita' o meno tas-socjeta' estera ghall-allegat zball. Is-socjeta attrici qed tallega li zball sar mid-ditta estera meta din hadet konsenja ta' merkanzija ohra flok dik destinata lilha.

Fil-fehma tal-Qorti, pero', ma giex pruvat li sar dan l-izball mid-ditta estera konvenuta. L-ewwel nett, ma giex pruvat li lid-ditta estera inghatghu istruzzjonijiet cari ta' x'kellha tigbor. Ix-xhud Lino Circop xehed li huma kienu baghtu *fax* li tindika "x'iridu jigbru", izda din il-*fax* (esebita a fol. 24 tal-process) ma turix il-merkanzija li kellha tigi irtirata. L-ittra tindika l-indirizz tas-*supplier*, izda xejn izjed; x'kellu jingabar ma giex indikat.

Inoltre, kif sehh l-izball ma giex pruvat kif trid il-ligi. Is-socjeta' attrici esebiet *fax* li rceviet minn barra li tispjega x'gara, izda dik il-*fax*, u dak li tiddeskrivi, ma giex konfermat bil-gurament. Il-Qorti, ma tistax toqghod fuq dokument li mhux konfermat minn min irredigieh, li ghandu jkun ukoll passibili ghall-kontro-ezami (ara "Camilleri noe vs Mifsud noe" decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Mejju, 1983, u "Xuereb vs Callus" decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru, 1983). Ghalkemm l-istess Lino Chircop xehed li hu ircieva l-ittra mis-*supplier* tieghu, ma giex spjegat xi rwol kellhu fil-materja min iffirmaha, jekk, cioe' jafx bl-istorja personalment jew kitibx x'qallu xi hadd iehor, u lanqas ma hi konferma ta' l-izball allegat mis-socjeta' attrici, mehud kont li, fl-ahhar tal-ittra, minn iffirmha, qal biss li hekk "jahsbu" li gara. Barra minn dan, anke jekk l-incident sehh kif deskritt fl-ittra, din il-Qorti ma tantx tahseb li s-*supplier* m'ghandhiex tort fil-kwistjoni, ghax din verament uriet nuqqas ta' diligenza meta qabdet u ghabbiet trailer b'merkanzija ta' hadd iehor minghajr ma ivverifikat ghal fejn dak it-trailer in kwisjoni kien mar ghandha. Jekk id-*driver*, allegatament, ma setghaz jikkomunika mal-haddiema tas-*supplier*, din kellha taghmal il-verifiki mehtiega, u mhux tassumi li gie ghal xi haga ohra u tghabbih b'xoghol ta' haddiehor.

Fuq kollox, is-socjeta' attrici lanqas ippruvat li sofriet danni. Il-merkanzija li irceviet "bi zball" hadet konsenja tieghu u, sa fejn gie muri lill-Qorti, zammitu; ma ddepositatux taht l-awtorita' tal-Qorti u lanqas ma baghtitu lura. Darba li sa fejn jirrizulta, s-socjeta' attrici zammet il-merkanzija in kwistjoni, trid thallas ghalih u kwindi l-*freight* u *duty* li hallset ma kienx hlas ta' xejn, izda hlas ghall-

merkanzija li, ghalkemm ma ordnatux, meta wasal ghandha, zammitu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza, billi, fl-ewwel lok, tilqa' r-raba' eccezzjoni tas-socjeta' *Valletta Freight Services Limited* u tilliberha mill-osservanza tal-gudizzju, u, fit-tieni lok, tichad it-talbiet attrici peress li ma gewx ippruvati.  L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mis-socjeta' attrici.

IMHALLEF

D/REG